MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 997/2011

**David Xuereb**
**Vs**
**Peter Caruana**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-24 ta' Novembru, 2011 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lill-attur s-somma ta' sittin Ewro (€60) rapprezentanti pagament dovut minnu bhala membru ta' Harmony Court Garage Owners Association ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni ta' Harmony Court Garage ghas-sena elfejn u hdax, elfejn u tnax (2011/2012).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011, lanqas ghas-seduta tas-6 ta' Frar, 2012, la tas-6 ta' Marzu, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' sittin ewro (€60) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------